## Dar għall-Anzjani fil-Mellieħa

Is-sena d-dieħla se jingħata bidu għall-bini tad-Dar għall-Anzjani fil-Mellieħa fuq il-kunċett ta' *'Public Private Partnership'*. Dan tħabbar mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi fid-diskors tal-*budget* għas-sena d-dieħla.

Il-pjan hu li fil-ġimgħat li ġejjin jingħata l-kuntratt għall-bini tad-Dar ta' l-Anzjani bil-ħsieb li tkun tista' tilqa' fiha l-ewwel anzjani fl-2008.

Dan il-proġett se jkun hemm aktar minn 94 sodda u se jinbena fl-art biswit Ġnien Ingraw, quddiem l-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Dan is-sit intgħażel minħabba li jinsab viċin iċ-ċentru tar-raħal, u ftit passi bogħod mill-Knisja Parrokjali. Id-dar se jkun fiha wkoll ċentru ta' matul il-jum li kapaċi jilqa' fih 80 anzjan, *health centre, fitness centre*, kappella, ċentru amministrattiv u faċilitajiet oħra għall-istaff. Kunsiderazzjoni importanti f'dan il-proġett, hi li d-Dar ta' l-Anzjani se tkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

Waħda mill-karatteristiċi uniċi ta' din id-dar ta' l-anzjani se tkun il pożizzjoni ġeografika, minħabba li minnha l-anzjani se jkunu jistgħu jgawdu l-veduta tal-Bajja ta' l-Għadira. Barra minn hekk iż-żona kollha fejn se jsir il-proġett se tissebbaħ u dan jinkludi titjib fi Ġnien Ingraw.

Il-proġett jinkludi wkoll parkeġġ għal 72 karozza bl-iskop li ma jkunx hemm problemi tat-traffiku f'din iż-żona.




## Proġett ta' Afforestazzjoni fil-Mellieħa

Il-Gvern nieda l-proġett ta' afforestazzjoni fil-Mellieħa fl-2007. S'issa tħawwlu mat-8,000 siġra u arbuxell, u sa l-aħħar ta' din is-sena jkunu tħawwlu 'l fuq minn 4,000 siġra oħra. Il-Proġett jinkorpora miżuri kontra t-telf tal-ħamrija fiż-żona u l-bini ta' 'l fuq minn 3,000 metru kubu ta' ħitan tas-sejjieħ biex jerġgħu jittarrġu l-għelieqi u jitħawwlu s-siġar. Il-proġett huwa kkoordinat mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, flimkien mal-Birdlife (Malta) u Din l-Art Ħelwa.

F'dan is-sit fil-passat, ukoll kien sar attentat biex jitkabbru s-siġar, bit-tħawwil tas-siġar ta' l-Acacia, li sfortunatament kellhom impatt negattiv fuq il-biodiversità tal-post.



Whud mis-sigar indiġeni li tħawwlu fiż-żona ta taħt it-Torri l-Aħmar fil-limiti ta l-Aħrax tal-Mellieħa.



Il-proġett jinkludi wkoll il-bini ta' ħitan tas-sejjieħ.



# FAMILJA WAĦDA

Ħarġa: 1
Diċembru 2006

Maħruġ mill-Uffiċċju Partit Nazzjonalista Mellieħa

## "Dejjem ammirajt l-għaqal u l-bżulija tal-Mellìħin"



Għeżież Mellìħin,

Nixtieq nifraħ lill-Kumitat Sezzjonali għall-idea li jibdew joħorġu dan il-fuljett sabiex b'hekk il-Partit Nazzjonalista jkun jista' jżomm kuntatt mal-Mellìħin.

Minn dejjem ammirajt l-għaqal u l-bżulija tan-nies ta' dan ir-raħal. Biżżejjed wieħed jagħti daqqa t'għajn u jara kif intom l-Mellìħin għaraftu taħtfu l-opportunitajiet li l-industrija tat-turiżmu li ġabet magħha sabiex b'hekk stajtu ttejbu l-kwalità tal-ħajja tagħkom mingħajr ma titilfu l-karatteristiċi partikulari li jiddistingwu lill-Mellieħa.

Flok qagħdtu tħarsu, użajtu moħħkom u dirgħajkom, stinkajtu u rnexxielkom tibdlu opportunità f'suċċess.

Illum il-ġumata f'pajjiżna ninsabu għaddejjin minn żviluppi kbar oħra. Dawn jixbhu dawk li kellna fis-snin sittin meta bdiet tiżviluppa b'mod sinifikanti l-industrija tat-turiżmu. Illum ukoll, hemm bżonn inkunu *smart*, għaqlin. Il-ħsibijiet tal-Gvern, waqt li konna qed infasslu l-baġit li għadna kif ħabbarna, kienu propju dawn: kif ser niżguraw li nkunu kapaċi nagħmlu suċċess fid-dinja li qed tiżviluppa u kif ser niżguraw li min jaħdem u jistinka jieħu dak li ħaqqu. Kull pass li ħadna kien ispirat minn dan il-ħsieb.

Bil-għaqal, inkunu nistgħu nagħtu l-pass li jmiss biex niżguraw ġejjieni aħjar għalina u għal uliedna. L-għaqal u l-bżulija tagħna huma garanzija ta' ġejjieni fis-sod.

Irrid nieħu din l-okkażjoni biex nawgura l -Milied u s-Sena t-tajba lill-Mellìħin kollha.

Lawrence Gonzi
Prim Ministru u Kap tal-Partit Nazzjonalista

## Editorjal

*Familja Waħda*, l-isem li qed jingħata lil dan il-fuljett huwa ispirat minn parti mid-diskors tal-Baġit 2007 li għamel il-Prim Ministru Lawrence Gonzi. Il-Prim Ministru uża din il-frażi meta lejn tmiem id-diskors tiegħu huwa qal: *"li aħna lkoll Familja Waħda u huwa biss bħala Familja Waħda li nistgħu nikbru aktar b'saħħitna"*. Għal snin twal kien ilu fil-ħsieb tal-kumitat lokali tal-PN fil-Mellieħa li jinħoloq kuntatt bejn il-poplu kollu Mellieħi u l-istess Kumitat. U kien propju dan il-ħsieb wara l-fuljett *Familja Waħda*.

Messaġġ li jagħmel sens għax filwaqt li l-familja hija valur li aħna bħala Maltin u allura anke bħala Mellìħin dejjem għożżejna u emminna li fejn hemm l-għaqda fil-familja hemm is-saħħa. Irridu naħdmu flimkien biex naħtfu l-opportunitajiet li d-dinja tal-lum qegħda tpoġġi quddiemna. Il-kunċett wara dan il-fuljett huwa li rridu nfiehmu aktar lil kull resident fil-Mellieħa li l-lokal tagħna qed igawdi wkoll mill-ġid li qed jinħoloq fil-pajjiż. Il-kontenut ta' dan il-fuljett juri biċ-ċar li aħna bħala poplu Mellieħi qed ingawdu mill-politika tal-Gvern, politika li qed tiggarantixxi għalina u għal uliedna ġejjieni fis-sod, ġejjieni li rridu nħalluh aħjar milli sibnih għax hekk jitlob id-dover u l-obbligu tagħna.

Fil-paġni ta` ġewwa...

**Għotja ta' Lm25,000 mill-Gvern għall-Kumpless Sportiv**





**Manutenzjoni fl-iskola Primarja Maria Bambina Mellieħa**

**Ġnien Ta` Pennellu Finanzjament ta` Lm 60,000 mill-Gvern**



*Il- Kumitat P.N. Mellieħa jixtieq jawgura l-festi t-tajba lill-Mellìħin kollha!*

## Għotja ta' Lm25,000 mill-Gvern għall-Kumpless Sportiv

Il-Gvern, permezz tal-Ministeru tal-Finanzi ippreżenta s-somma ta' Lm25,000 lill-*Mellieħa Sports Club* biex jintużaw għat-tkomplija tal-proġett tal-Kumpless Sportiv li se jibbenefikaw minnu madwar 250 tifel u tifla.

Il-preżentazzjoni saret dan l-aħħar mis-Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Finanzi Tonio Fenech fil-preżenza ta' l-ogħla uffiċċjali tal-Mellieħa S.C. u ta' numru kbir ta' tfal li kull nhar ta' Sibt jattendu fin-*nursery*, u li fiż-żmien li ġej se jkunu qed igawdu minn dan il-proġett.

Din l-għotja saret minn fond apposta bl-isem ta' *National Lotteries Good Causes Fund*, li għandu l-iskop li jgħin organizzazzjonijiet volontarji u filantropiċi.

F'kelmtejn ta' l-okkażjoni Tonio Fenech qal li permezz ta' din l-għotja lill-Mellieħa S.C., il-Gvern wera l-impenn tiegħu favur l-isport. Hu kompla li din is-sena l-Gvern diġa` qassam Lm250,000 lil diversi għaqdiet sportivi.

Il-Gvern qed iħeġġeġ proġetti ta' titjib f'kumplessi sportivi, biex aktar tfal u żgħażagħ ikunu attivi fl-isport. L-art li fuqha qed isir il-proġett tal-Kumpless Sportiv fil-Mellieħa ingħatat b'ċens għal 49 sena fl-2002.



Tonio Fenech faħħar lil dawk l-għaqdiet li qed jieħdu inizijattivi bħal dik tal-Mellieħa S.C. Dan il-kumpless sportiv se jkun fih *gymnasium*, ground sintetiku tal-*5 a-side*, uffiċini, parkeġġ u faċilitajiet oħra. Hu stmat li madwar 250 tifel u tifla se jibbenefikaw minn dan il-proġett, kif ukoll diversi għaqdiet fosthom tal-*football, basketball, baseball* u *netball*.

Sadanittant ix-xogħol ta' kostruzzjoni li jinvolvi dan il-proġett kien qed isir minn ħaddiema mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura. Dan sar bl-iskop li jittaffew xi ftit mill-ispejjeż ta' dan il-proġett. Dan l-aħħar il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura kif ukoll il-Ministeru għall-Kompetittività` u l-Komunikazzjoni Ċensu Galea żar is-sit ta' dan il-proġett fejn kien għaddej ix-xogħol mill-ħaddiema mit-Taqsima tax-Xogħlijiet.

MELLIEĦA SPORTS CLUB



Il-Ministri Ninu Zammit u Censu Galea flimkien ma' uffiċjali ta' Mellieħa Sports Club waqt żjara li għamlu dan l-aħħar fil-Kumpless Sportiv.



Uħud mill-250 tifel u tifla li se jgawdu minn dan il-proġett.



Il-bini tal-Kumpless Sportiv li issa wasal fi stadju avvanzat



Is-Segretarju Parlamentari Tonio Fenech waqt il-preżentazzjoni ta' Lm25,000 lil Mellieħa Sports Club

## Ġnien Ta` Pennellu

**Il-ġnien f'Ta Pennellu li sar b'finanzjament ta` Lm 60,000 mill-Gvern Ċentrali.**





## Manutenzjoni fl-iskola Primarja Mellieħa

**L-iskola Primarja Maria Bambina fejn fl-aħħar sena saret manutenzjoni biex it-tfal ikollhom ambjent aħjar għat-tagħlim. Għajnuna li tlaħħaq Lm 50,000.**



## Clean Up The World fil-Mellieħa

Iniżjattiva mill-Kumitat Sezzjonali PN Mellieħa fejn nhar is-sibt 2 ta` Diċembru fl-okkażjoni tal-Clean Up the World membri mill-istess Kumitat naddfu ż-żona li tinsab bejn Triq N.C.Dingli u l-bitħa ta` l-Iskola Primarja Marija Bambina Mellieħa.



## Avviżi

### Ikla tal-Milied

**28ta' Diċembru '06**
**Tunny Net Complex Mellieħa**

Dawk interessati jistgħu jċemplu ***l-Każin għall-biljetti*** fuq 21520564




### Maratona PN Ġbir ta` Fondi

Il-kazin PN Mellieħa se jkun miftuħ matul il-jum kollu waqt il-Maratona biex jintlaqgħu d-donazzjonijiet.

### Iltaqa` mad-deputati tiegħek!

Jekk trid tiltaqa` ma` wieħed mid-deputati tiegħek tista` tagħmel dan billi tibgħat **SMS fuq 99262100** jew e-mail fuq **pnmellieha@pn.org.mt**